# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 7 0

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2938/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Aften Schembri, Paul Bugeja, Rosmark Caruana, Anthony Buttigieg, Christine Zammit, Sefora Cassar, Clint Borg Ferriggi, Charlon Vella, Glenn Steer, Anthony Grech, Ryan Borg, Jonathan Pellicano, Leanne Mifsud, Paul Pellicano, Simon Borg, Mario Pisani, Mario Atanasio, Frans Vella, Clint Carbonaro, Ray Cachia, Norbert Ellul, James Marmara, Alexei Bugeja, Dennis Borg, Robert Cauchi Charlot Spiteri, Michael Poulton, Anthony Azzopardi, Stephen Micallef, Ivan D'Amato, Joahann Ferriggi, Alex Casha, Glen Ghigo, Simon Vassallo, Irene Micallef, Mark Grech, Ludvic Griscti, Alessio Muscat, Donald Grech, Sandra Pulis, Clayton Cachia, Joseph Ellul, Michael Faenza, Joseph Baldacchino, Clint Micallef, Henry Zahra, Dean Ciantar, Peter Paul Caruana, Caroline Zammit, Marthese Zahra, Owen Dimech, Anthony Sant, Alexander Borg, Sean Huber, Omar Livori, Emmanuel Fenech, Anthony Sant, Zvetlana Vella, Jonathan Pellicano, Carmel Aquilina, Carmen Sammut u Ives Sciberras,**
**U b'digriet tas-17 ta' Gunju 2014 tnehhew l-ismijiet repetuti ta' Anthony Sant u Jonathan Pellicano u dahal minflok Christian Cauchi**

**vs**

**Playmobil Malta Ltd**

**dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju**

Illum 11 ta' April 2017

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tal-imsemmija tnejn u sittin haddiem (li skond il-korrezzjoni opportuna irrizulta li huma wiehed u sittin haddiem) tramite Dottor Joanne Vella Cuschieri, illum Magistrat,ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-13 ta' Lulju 2011.

PRELIMINARI

F'diversi stadji ta' dan il-kaz, it-Tribunal appella lill-partijiet biex jesploraw il-possibbilita' ta' ftehim bonarju, izda l-partijiet ma waslu qatt ghal ftehim a sodisfazzjoni tal-individwi kollha involuti. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi sew minhabba li r-rikorrenti ghamlu zmien twil jitolbu differimenti pendenti trattattivi ghal ftehim bonarju, kif ukoll minhabba d-diversi xhieda prodotti li tressqu fuq numru ta' seduti, oltre l-waqfien mis-smiegh tal-kaz minhabba kawza kostituzzjonali relattiva ghat-Tribunali Industrijali.

Fir-Rikors taghhom, ir-rikorrenti qalu li huma kienu gew impjegati bhala 'machine setters' mal-Kumpanija intimata; lura fis-snin 2007 u 2008 il-Kumpanija kienet infurmathom li l-machine setters kollha kienu ser jinghataw l-opportunita' li jaghmlu kors li jwassalhom biex jilhqu l-kariga maghrufa bhala 'Playmobil Technicians' fi hdan l-istess kumpanija – dan sar bi ftehim mal-General Workers Union. Jghidu ukoll li dak iz-zmien kien gie deciz illi l-ewwel 'machine setters' li kienu ser jibdew dan il-kors (ghaliex ma kienx possibbli li kulhadd jaghmlu f'daqqa) kienu dawk tal-Injection Department. Din id-decizjoni ma kienet ibbazata fuq l-ebda ragunament oltre li wiehed mid-Dipartimenti kellu jibda. Jghidu li fil-fatt il-machine setters shabhom li kienu jahdmu fl-Injection Department ghamlu dan il-kors a spejjez tal-Kumpanija b'kollaborazzjoni wkoll tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig u saru 'Playmobil Techinicians', u f' dak iz-zmien inghataw mill-Kumpanija il-grad

oghola li ovvjament jirrifletti wkoll f'paga aktar minn dik li jircievu l-'machine setters'. Jghidu li sal-gurnata tal-lum l-ebda 'machine setter' iehor ma thalla jiehu dan il-kors u dan nonostante li anke intbaghtu interpellanzi kemm verbali kif ukoll bil-miktub da parti tal-General Workoers Union kif rapprezentata mis-Segretarju tat-Taqsima Jason Deguara sabiex il-Kumpanija ma tiddiskriminax mar-rikorrenti ghaliex huma wkoll kienu 'machine setters' fli-istess zmien li l-ohrajn ghamlu l-kors u b'hekk kellhom jinghataw l-istess opportunita', izda l-Kumpanija baqghet inadempjenti. Jghidu wkoll li kull meta jkun hemm vakanza ghal 'Playmobil Technician' il-Kumpanija qed timpjega 'Technicians' minn barra l-Kumpanija sabiex jaghmlu x-xoghol ta' 'Playmobil Technician'. Jghidu li bl-agir taghha l-Kumpanija naqset milli toffri l-istess kors lill-haddiema kollha fl-istess grad ta' machine setters, bir-rizultat li uhud minnhom inghataw il-grad ta' 'Playmobil Technicians' u ohrajn le, oltre l-fatt li issa il-Kumpanija qed timpjega abbusivament 'Technicians' minn barra l-Kumpanija – kieku r-rikorrenti ghamlu l-kors huma facilment setghtu hadu l-grad ta' 'Playmobile Technicians' u jaghmlu dan ix-xoghol, u ghalhekk dan hu agir diskriminatorju fil-konfront taghhom u bi ksur tal-artikoli 26 et sequitur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti talbu, kemm fir-rikors promotur u fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz, li dan it-Tribunal:-

(1) Jiddikjara li l-agir tal-Kumpanija intimata fil-konfront taghhom huwa diskriminatorju;

(2) Jordna lill-Kumpanija sabiex tiehu l-proceduri kollha biex il-kors in kwistjoni jigi offrut ukoll lir-rikorrenti fi zmien prenentorju mpost mill-istess Tribunal;

(3) Jordna lill-Kumpanija thallas kumpens gust lir-rikorrenti ghad-diskriminazzjoni sofferta inkluz izda mhux limitatament ghall-paga b'lura u anqas li huma thallsu konsegwenza tan-nuqqasijiet taghha;

(4) Jordna li l-Kumpanija ma tistax timpjega 'Technicians' minn barra l-Kumpanija sabiex jaghmlu x-xoghol li normalment jaghmluh il-'Playmobil

Technicians' fosthom dawk li ghamlu l-kors sakemm ikun hemm xi hadd mir-rikorrenti li wara l-kors jikkwalifika sabiex jimla din il-pozizzjoni;

(5) Jaghti kwalunkwe ordni ohra u azzjoni ohra xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, u dan kollu qed jintalab ai temini tal-artikolu 26 et sequitur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta' intimata ressqet id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn qalet:-

(1) li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;

(2) li l-fatti salienti in konnessjoni ma' dan il-kaz huma s-segwenti :

(i) Is-socjeta initimata kienet implementat pjan ta' ristrutturar fl-Injection Department fejn fost affarijiet ohra dan il-pjan kien identifika illi "for operational reasons" u minhabba n-natura tax-xoghol f'dan id-dipartiment, ir-rwol ta' "machine setters" f'dan id-dipartiment ma kienx aktar necessarju u kellu jigi amalgameaat mar-rwol ta' "technicians" sabiex b'hekk ir-rwol ta' "machine setters" f'dan id-dipartiment gie abolit;

(ii) Dan il-pjan ma kienx jestendi ghall-ebda dipartiment iehor tant illi r-rwol ta' "machine setters" fid-dipartimenti l-ohra ghadhom rilevanti u necessarji;

(iii) Il-processi li jsriu fl-Injection Department huwa "stand alone" u ma jistghux jigu kkuparati mal-processi li jsiru f'dipartimetni ohra. Il-processi fl-Injection Department li kienu jithaddmu mill-"machine setters" f'dan id-dipartimetnt kienu jinvolvu lievelli ta' teknologija gholja fil-waqt li l-processi li jithaddmu mill-"machine setters" fid-dipartimetnt l-ohra huma aktar manwali u ftit jinvolvu teknologija. Illi ghalhekk il-"machine setters" li kienu jahdmu fl-Injection Department kienu aktar specjalizzati tant li filwaqt meta jkun hemm 'vacancies' ghall-"machine setters" fid-dipartimenti l-ohra dawn kienu jimtlew anke minn "machine setters" li jahdmu fl-Injection Department, f'kaz ta' vacancies li seta' kien hemm ghall-"machine setters" fl-Injection Department dawn ma setghux jimtlew minn "machine setters" li jahdmu fid-dipartimenti l-ohra;

(iv) Sabiex persuna tigi impjegata mas-socjeta' intimata fil-grad ta' technician jinhtieg illi l-persuna jkollha Diploma Nazzjonali relattiva jew ekwivalenti;

(v) Sabiex il-"machine setters" li kienu jahdmu fl-Injection Department ma jintilifx xogholhom, u billi dawn minkejja li kienu "machine setters" ix-xoghol taghhom kien specjalizzat u kien fih inqas intervent manwali, gie maqbul mal-General Workers Union illi dawn il-haddiema jinghataw kors akkademiku "tailor-made" u relatat max-xoghol fl-Injection Department sabiex huma jkunu jistghu jassumu r-rwol ta' "technician" fl-istess Injection Department. Madankollu kien iccarat illi 'techniciants' li jigu promossi minn Process Setters f'dan ir-ristrutturar fuq il-bazi tal-kors imsemmi, ikunu jistghu jilhqu biss l-iskala erba' jekk ma jottjenux id-Diplomaa Nazzjonali, filwaqt li t-'technicians' li ghandhom id-Diploma jkunu jistghu jilhqu l-iskali kollha, jigifieri sa skala tmienja.

(vi) Gie pricizat li l-kors li permezz tieghu wassal sabiex il-"machine setters" tal-Injection Department jitilghu ghall-grad ta' 'technicians' fl-istess Injection Department, kien specifiku ghall-htigijiet tal-istess dipartiment. Ghalhekk, b'rizultat ta' dan il-kors dawn il-haddiema ma huma bl-ebda mod ikkwalifikati sabiex jahdmu bhala 'technicians' f'dipartimenti ohra peress illi l-kors kien specifikatment relatat mal-process tal-Injection. Ghal dan jehtieg illi l-haddiema jkollhom livell ta' Diploma Nazzjonali jew ekwivalenti. Ghaldaqstant dan il-kors lanqas m'huwa relevanti ghall-'machine setters' li jahdmu fid-dipartimenti l-ohra ghax bl-ebda mod ma jwassal ghal Diploma Nazzjonali u ghalhekk ma jwassalx sabiex jinkisbu l-kwalifiki necessarji sabiex jinghataw il-grad ta' 'technicians' f'dipartimenti ohra.

(vii) Is-socjeta' intimata tichad illi b'xi mod kienet ftehmet mal-General Workers Union jew mal-haddiema impjegati bhala "machine setters" fid-dipartimenti l-ohra illi dawn kienu ukoll ser jinghatalhom kors sabiex jilhqu bhala 'technicians' fi processi ohra bhal fil-kaz tal-Injection Department. Kwalunkwe ftehim kien limitat biss fil-konfront tal-"machine setters" li kienu jahdmu fl-Injection Department u dan in vista tal-

istrutturar illi kien methieg f'dak id-dipartimenti, liema ristrutturar kif gia inghad ma kienx jestendi ghad-dipartimenti l-ohra.

(viii) Dwar il-fatt li meta jkun hemm vakanza ghall-grad ta' 'technicians' is-socjeta' intimata qieghda timpjega nies minn barra l-Kumpanija, dan huwa dettat mill-fatt illi l-haddiema li gja jahdmu mas-socjeta' intimata m'ghandhomx il-kwalifiki necessarji ghall-imsemmi grad, ossia m'ghandhomx id-Diploma Nazzjonali relattiva jew ekwivalenti. Illi s-socjeta' intimata dejjem taghat precedenza lill-haddiema taghha li ghandhom il-kwalifiki necesssarji sabiex jimlew il-postijiet vakanti fi gradi oghola, izda meta mill-haddiema taghha stess ma jinstabux haddiema kwalifikati bifors hija trid timpjega minn barra.

(ix) Il-kors li tfassal bejn il-kumpanija u l-ETC (Employment and Training Corporation) kien mahsub ghal iskop specifiku u kien 'tailor-made' ghall-bzonnijiet tal-kumpanija f'dak iz-zmien partikolari u ghalhekk dan ma jistax jigi offrut izjed.

(x) Nonostanti dan kollu, ghal ragunijiet illi mhuma bl-ebda mod relatati mal-ftehim in konnsessjoni mal-istrutturar tal-Injection Department, is-socjeta' intimata flimkien mal-General Workers Union ghaddejjin b'tahdidiet mal-MCAST sabiex jigu zviluppati u offerti korsijiet maghha illi jistghu jwasslu ghall-haddiema illi jahdmu bhala "machine setters" jiksbu d-Diploma Nazzjonali. B'hekk is-socjeta' intimata qiegheda tahdem sabiex tghin lill-haddiema taghha jiksbu l-ghodda sabiex ikunu jistghu jimxu l-quddiem, u ghal liema inizjattiva ser jibbenifikaw fosthom l-istess rikorrenti.

(3) Illi ghalhekk mhuwiex minnu illi s-socjeta' intimata imxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti jew illi kisret xi ftehim maghhom, kif minnhom allegat.

(4) Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal.

B'Nota ipprezentata fit-28 ta' Ottubru 2014 is-segwenti 10 rikorrenti cedew il-kaz taghhom odjern kontra l-kumpanija Playmobile Malta Limited, u cioe:-

**Norbert Ellul, Alex Casha, Owen Dimech, Mario Pisani, Sandra Pulis, Henry Zahra, Alexei Bugeja, Carmel Aquilina, Christine Zammit u Anthony Buttigieg**, liema cessjoni intlaqghet b'digriet tat-18 ta' Novembru 2014.

Wara li r-rikorrenti kienu ghalqu l-provi kollha taghhom, u wara qbil bejn il-partijiet, b'Ordni tas-26 ta' Mejju 2015 dan it-Tribunal kellu jghaddi ghal decizjoni dwar jekk kienx hemm diskriminazzjoni jew le sal-mument li dahal ir-rikors promotur ta' dan il-kaz, u t-Tribunal irrizerva li jipprovdi dwar l-ammissibilita' tal-provi dwar allegat ftehim bonarju pendenti dawn il-proceduri fi stadju ulterjuri.

IL-PROVI

**Simon Borg** xhed li huwa kien impjegat bhala machine setter mal-kumpanija Playmobile u xi zmien qabel il-kumpanija organizzat korsijiet ghall-machine setters sabiex ikunu kapaci jaghmlu xoghol aktar tekniku. Dan il-kors gie offrut lill-machine setters li jahdmu fl-injection moulding li kienu maghrufa li jahdmu taht PG1, PG2 u PG3. Meta jlestu l-kors dawk tal-Injection, jibdew il-kors dawk il-machine setters li jahdmu fil-printing department u dawk li jahdmu fil-packaging department bhax-xhud. Jitkellem dwar ftehim bejn il-GWU u l-kumpanija li dan il-kors kellu jinghata lill-machine setters kollha, pero' dan hu detto del detto. Fil-waqt li din ix-xhieda b'affidavit saret f'April 2012, jghid li l-machine setters tal-Injection Department kienu ilhom xi 3 snin li spiccaw il-kors b'success, u li l-kumpanija anke wara li taghtom promozzjoni ghal skala 3 jew 4 baqghet twieghed lill-machine setters l-ohra li se torganizzalhom kors ghalihom, sa ma imbghad qaltilhom li mhemmx korsijiet ghalihom. Jghid li f'sezzjoni partikolari l-kors inghata lil machine setter wahda biss, imbaghad il-kumpanija impjegat technicians minn barra l-kumpanija.

**Alesio Muscat** ukoll qal li kien machine setter u gie offrut kors specjalizzat lill-machine setters li kienu fl-injection moulding tal-PG1, PG2, u PG3. Jikkonferma li l-kumpanija baqghet twieghed li ser taghti l-kors lill-machine setters kollha, pero' qatt ma gew mghajta. Imbaghad kien qed jigi negozjat ftehim kollettiv meta l-kumpanija infurmat lil tal-Union li ma kinitx ghadha disposta li tkompli toffri dak il-kors. Jikkonferma li pero' machine setter wahda mhux fl-Injection Department inghatat il-kors, u imbaghad iddahhlu technicians minn barra.

**Michael Faenza, Christian Cauchi**, **Rosmark Caruana, Caroline Cilia, Joseph Baldacchino, Mark Grech, Simon Vassallo, Glen Ghigo, Joseph Ellul, Michael Poulton, Ivan D'Amato, u Marthese Zahra** regghu ikkonfermaw l-istess fatti b'affidavits simili.

**Jason Deguara** xhed li huwa is-Segretarju tat-Taqsima Kimika u Energija tal-General Workers Union, izda kien ghadu biss shopsteward meta fl-2007 il-kumpanija, rapprezentata mis-CEO Helga Ellul, kienet infurmat lilu u lil Rebecca Gatt li l-kumpanija riedet taghmel ristrutturar fejn il-machine setters isiru technicians. Jghid li l-kumpanija ma kinitx qed issib timpjega technicians, u ghalhekk rat li din il-problema tissolva billi l-machine setters jinghataw kors specifiku li jwassalhom li jsiru technicians. Pero' dan il-kors kien adattat ghall-fabbrika tal-Playmobile, u allura min jaghmlu ma kienx ser ikun technician fis-sens generali taghha. Ghalhekk dawk li jaghmlu l-kors bdiet issirilhom referenza ghalihom bhala "Playmobile Technicians". Jghid li s-sezzjoni tal-Injection kienet kbira hafna, u ghalhekk iddecidew li jibdew joffru l-kors lill-haddiema hemmhekk, imbaghad il-kors kien ser jigi offrut lill-machine setters fid-dipartimenti l-ohra. Jghid li huwa kien involut fid-diskussjonijiet f'isem il-Union kemm fil-bidu bhala shopsteward (kien jahdem fl-Injection Department tal-Playmobile hu stess) u kemm aktar tard bhala segretarju tat-taqsima msemmija: jghid li d-diskors dejjem kien jinftihem li l-kors finalment jigi offrut lill-machine setters kollha. Jghid li l-kumpanija argumentat li la t-technicians il-godda kienu ser jahdmu fl-Injection

Department, kien jaghmel sens li l-kors jigi offurt l-ewwel lill-machine setters tal-Injection Department stess. Il-kors gie fformulat flimkien mal-ETC u kien twil 9 xhur bejn l-2008 u l-2009. Ghamlu l-kors il-parti l-kbira tas-setters; kien hemm min ma hassux kapaci jaghmel ix-xoghol ta' technician u gie trasferit ghal dipartiment iehor; ohrajn ghamlu l-kors li rega' sar wara u rnexxielhom. Fl-injection ma kienx ghad baqa' machine setters, izda kien hemm Playmobile Technicians, jew technicians. Peress li l-kumpanija dejjem qalet li ser taghti l-kors lis-setters kollha, is-setters kienu minn zmien ghal zmien imorru jiccekkjaw mal-Human Resources meta li jinghatalhom il-kors, u hemmhekk Lorraine Aquilina kienet tinfurmahom li jridu jkomplu jistennew sa ma jasal it-turn taghhom.
Pero' mistoqsi jekk il-kumpanija weghditx b'mod specifiku li kienet ser taghti l-kors lis-setters l-ohra wkoll, dan ix-xhud jghid (folio 46) illi kieku l-Union kienet taf li dan il-kors kien ser jigi offrut lill-machine setters tad-dipartiment tal-injection biss, l-Union ma kinitx taqbel ghax l-opportunita' ta' kors kellha tinghata lill-machine setters kollha, pero' imbaghad sta ghall-kumpanija jekk taghtihomx il-grad, skond l-esigenzi tal-kumpanija. Jghid li meta aktar tard l-Union bdiet tinsisti li l-kors issa jigi offrut lill-machine setters l-ohra, Helga Ellul bdiet tghidilhom li hija qatt ma weghdet li l-kors jinghata lill-machine setters kollha.

Dan ix-xhud jghid li imbaghad il-kumpanija bdiet tghid li l-ETC ma kinitx ghadha disponibbli li torganizza dak il-kors li kienet tat qabel; ghalhekk il-kumpanija talbet lill-MCAST torganizza l-kors hi, pero' l-MCAST riedu joffru kors iktar intensiv fejn min ilestih ma jkunx technician tal-Playmobile biss, izda technician generali. Dawk li hadu l-grad ta' Playmobile Technicians kienu fi skala 2 jew 3 u kellhom paga ahjar minn tal-machine setters.

Xhed ulteriorment **Alesio Muscat** biex jispjega li huwa kien machine setter fil-produzzjoni tas-socjeta' intimata u kien ukoll shopsteward rapprezentant tal-General Workers Union. Jghid li huwa kien involut fil-laqghat li kienu bdew isiru mill-2007 'il quddiem dwar din il-materja, u jiftkar lil Helga Ellul tghid li

kien hemm bzonn qabza fil-kwalita' tal-produzzjoni u dan billi kull machine setter isir technician. Jghid li l-kumpanija bhal riedet tibda minn x'imkien, u bdiet bil-machine setters tal-Injection. Jghid li imbaghad il-machine setters l-ohra bdew isaqsu lil tal-Human Resources meta se jiftah il-kors ghalihom – wara Lorraine Aquilina kien hemm Victor Pisani u wara Ivan Refalo. Jghid li fiz-zmien li l-machine setters l-ohra kienu qed jistennew li jigu msejha, machine setter partikolari (Ruth Pulis mizzewga Zahra) fid-dipartiment tal-Printing (imsejjah PG2) kienet qed issirilha hsara mill-linka u peress li fid-Dipartiment tal-Packaging (imsejjah PG1) ma setghetx tmur ghax kien hemm ohtha, tawha l-kors ta' technician u marret fid-Dipartiment tal-Injection. Kien hemm ukoll machine setter iehor (Christopher Piscopo) fil-PG1 li kellu charges ta' harrasment, u biex inehhuh minn mal-persuna harassed tawh il-kors ta' technician u intbaghat fl-Injection Department.

Jghid li d-diskuzzjonijiet komplew anke meta spiccat Helga Ellul minn CEO u sar Mr Fauser minflokha. Jghid li huwa telaq mill-Playmobile f'Awwissu 2013. Jghid li fil-waqt li dawk li kienu baqghu jahdmu hemm jippretendu li jinghataw il-kors sabiex ikunu eligibbli ghall-grad ta' technicians, jghid li hu jippretendi li jinghata d-differenza tal-flus li kien jiehu kieku ha l-grad ta' technicians, bhala arretrati. Jghid li huwa lahaq l-oghla grad ta' machine setter, u cioe Grade 2 Skala 8; u kellu paga ta' madwar €387 fil-gimgha. Jghid li bhala technician kien jigi fi Grade 3 u kien ikun fi skala 3 u jitla' ghal skala 4. Jghid li peress li x-shift allowance kienet tinhadem bhala percentwal tal-paga (4% fil-ghodu, 14% waranofsinhar, u 23% bil-lejl), meta t-technicians kellhom paga oghola kien ikollhom shift allowance oghola wkoll. Ghalkemm gab ezempju b'haddiem partikolari, dan ix-xhud irrimarka li l-pagi kienu stabbiliti bil-Ftehim Kollettiv.

Jghid li imbaghad bdew johorgu calls ghal Technicians (mhux Playmobile Technicians bhal ma kienu jilhqu bil-kors tal-ETC) minn barra. Huwa kien jippretendi li jaghtu l-kors ta' Playmobile technician lil kulhadd; kulhadd jibqa' fis-sezzjoni tieghu, imbaghad meta jinqala' bzonn ta' Playmobile technician

jintaghazel minn gewwa. Jghid li dan ma sarx u kien hemm haddiema sabu xoghol b'paga ahjar u telqu.

**Christian Cauchi** xhed ulterjorment fosthom li kien Process Operator meta fl-2008 sar Machine Setter fi Grad 1 Skala 4 b'paga ta' €238.50 fil-gimgha. Bil-Ftehim Kollettiv 2007-2010 li kien gie back-dated mill-1 ta' Jannar 2008 inghata grad 2 Skala 1 b'paga ta' €242.02 fil-gimgha.

**Matthew Carabott** xhed li huwa kien dahal jahdem mas-socjeta' intimata bhala machine operator imbaghad gie promoss ghal process setter u bhala machine setter bejn l-2004 u l-2009. Kien ukoll rapprezentant tal-General Workers Union u semma kif kienet il-kumpanija Playmobile li kkuntatjat lir-rapprezentanti tal-Union biex tinfurmahom li fil-Ftehim Kollettiv li kien gej kellu jiddahhal grade gdid ta' Playmobile Technician. Jghid li ghall-iskopijiet tal-Ftehim Kollettiv kien hemm qbil li jinholoq dan il-grad fl-2007, bl-intiza li dan ikun miftuh ghall-machine setters f'kull dipartiment, cioe' l-Injection, l-Assembly, il-Packaging, u l-Printing; pero huwa telaq mill-Playmobile fl-2009 meta dan il-grad kien dahal ghad-dipartiment tal-Injection biss. Jghid li ghall-bidu li beda jahdem bhala machine setter fl-2004 xogholu kien biss li jissettja l-magna ghall-produzzjoni li tkun imiss tinhadem, imbaghad ikompli jhaddimha xi hadd iehor. Imbaghad f'xi zmien bejn l-2006 u l-2007 il-machine setters saru responsabbli mill-process kollu tal-produzzjoni; b'hekk gie eliminat il-grad ta' process setter.

**Anthony Azzopardi** ddikjara li jaqbel ma dak li kien xhed Joseph Baldacchino permezz ta' affidavit, u zied li f'xi s-sena 2000 huwa dahal jahdem mal-kumpanija intimata bhala operator, u wara tliet xhur tawh l-opportunita' li jaghmel ezami ghal machine setter; ghamlu, ghada u sar machine setter. Jikkonferma li l-machine setter jaghmel hafna aktar xoghol mill-machine operator, u ghandu hafna responsabbilta. Jghid li l-ahhar fazi tal-produzzjoni hija l-packaging, u hu kien jahdem f'dak id-dipartiment; jghid li l-akbar

responsabbilta' kienet fuqu peress li jekk xi hadga tohrog hazina mid-dipartimenti ta' qabel, tal-packaging riedu jiddeciedu xi jsir mill-prodott.

**Simon Borg** xhed ulterjorment biex jispjega li fil-waqt li qabel l-2007 il-machine setter kien xogholu jissettja l-magna biss, kien intlahaq ftehim li l-machine setter isiru kollha Playmobile Technicians sabiex dawn jiehdu rwol aktar tekniku fis-sens li anke jaghmel certi tiswijiet jew riparazzjoijiet bhal jibdlulhom heaters, jibdlulhom shoes, jibdlulhom bumpers, jibdlulhom xfafar u kull ma jkollha bzonn il-magna. Jikkonferma li l-machine setters tal-packaging kellhom ir-responsabbilta' finali tal-prodott, responsabbilta' ikbar minn tal-Playmobile Technicians fl-Injection Department, tant li bhala shopsteward kienu jiguh hafna kazijiet ta' dixxiplina kontra haddiema f'dan id-dipartiment minhabba xi "short-injection" "misprints" u difetti ta' process, mentri rari kienu ikun hemm xi dixxiplina kontra Playmobile Technicians. Jghid li minkejja l-weghda ta' Helga Ellul li l-machine setters isiru Playmobile Technicians, aktar recenti l-kumpanija hadet id-drawwa li tohrog sejhiet ghal technicians li jrid ikollhom diploma ta' technicians veri u proprji; dawn is-sejhiet jistaw japplikaw ghalihom kemm minn gewwa u kemm minn barra, pero' ta' gewwa ma jinghatawx priorita'. In oltre il-livell ta' technician veru u propjru huwa oghola mill-livell ta' Playmobile Technician ghax dan tal-ahhar huwa specifiku ghax-xoghol tal-Playmobile. Huwa iktar facli li tilhaq il-livell ta' Playmobile Technician, specjalment jekk bl-esperjenza mal-Playmobile tkun gia' tghallimt hafna mix-xoghol involut.

Xhedet **Dollsy Darmanin**, Human Resources Manager tal-kumpanija intimata. Tispjega li l-kumpanija kellha diversi gradi ta' haddiema, bl-iktar grad baxx ikun il-Grade 1 u l-oghla Grade 4. Kull grad imbaghad ikollu 8 skali li haddiem jitla' kull sentejn mill-1 sat-8; jekk taqla' warnings tista' titlef li titla skala u jkollok tistenna sentejn ohra. Dawn il-gradi u skali inhadmu bhala grid fil-Ftehim Kollettiv. Din ix-xhud tipproduci "table" tal-haddiema kollha li xi darba kienu machine setters bejn l-2006 u l-2014 (dokument DD-1 a folio 97 sa

101 tal-process). Gie notat minn din ix-xhud li madwar hames jew sitt haddiema gew promossi ghal Technicians Grad 3, pero aktar tard regghu nizlu fil-grad ta' Machine setters Grade 2, bhal ma kienu James Marmara, Jonathan Pellicano u Francis Vella. Hija nnotat li kien hemm diversi caqliqiet fil-bidu tal-2008 bis-sahha ta' Ftehim Kollettiv. Tghid li l-Collective Agreements normalment kienu jigu negozjati ghal 3 snin, u fil-fatt sar iehor b'effett mill-bidu tal-2011 u iehor b'effett mill-2014.

**Matthias Fauser** xhed fil-kwalita' tieghu ta' CEO tal-kumpanija intimata sa mill-1 ta' Ottubru 2012. Jghid li f'kull dipartiment hemm process leader, process technicians, process setters u process operators, pero' dawk fid-dipartiment tal-Injection il-haddiema jehtigilhom ikun ferm aktar teknici. Il-kumpanija rat li l-machine setters fid-Dipartiment tal-Injection tant kellhom esperjenza "hands on" li kienu kapaci jaghmlu x-xoghol tat-technicians. Hawnhekk is-setters kienu jaqbdu jaghmlu bicca xoghol u fl-ahhar naqra jghaddu x-xoghol lit-technicians, u kien qed jinhela hafna hin; kien aktar efficjenti li dawn jitghallmu jaghmlu x-xoghol tat-technicians biex il-process ikompluh kollu huma. Jghid li ghalhekk inhasset il-htiega ta' ristrutturar fejn f'dan id-dipartiment ma jkunx hemm aktar machine setters. Jghid li qabel kien Chief Operations Officer (COO) u kien involut f'diversi diskussjonijiet mal-unions. Jghid li kien hu li hass il-htiega ghar-ristrutturar fl-Injection Department, u tkellem mas-CEO Helga Ellul dwar dan, sabiex tizdied l-efficjenza fil-produzzjoni. Huwa jichad li qatt kien hemm xi proposta li kellu jkun hemm strutturar ghall-machine setters kollha, mhux fid-dipartiment tal-Injection biss. Dawk is-setters fl-Injection Department li ghal xi raguni ma jilhqux technicians, dawn kienu ser jintbaghtu f'xi wiehed mid-dipartimenti l-ohra. Jghid li gew formulati korsijiet mal-ETC ghall-machine setters tal-Injecction department, u dawn inzammu l-ewwel wiehed mit-2 t'Ottubru 2007, iehor mil-11 t'Ottubru 2007 u iehor mis-26 ta' Novembu 2007. Dwar jekk il-kumpanija imbaghad kinitx lesta tippreferi haddiema inhouse milli minn barra ghal posts ta' technicians, ix-xhud qal li kieku machine setter (mhux mill-

injection) ghamel evening course mal-MCAST jew l-ETC ghal technician u applika, dak kien jigi preferut fuq technicians li japplikaw minn barra. Jghid li imbaghad bdew iqumu hafna ilmenti minn machine setters tad-dipartimenti l-ohra, u ghalkemm fl-opinjoni tieghu ma kellhomx ragun jilmentaw, il-kumpanija bdiet tipprova tidhol fi ftehim mal-individwi ghax temmen li l-haddiema ghandhom ikunu kuntenti fuq xogholhom.

**Robert Cauchi**, ic-Chief Operating Officer prezenti xhed li hu kien involut fl-istrutturar. Jghid li fl-Injection Department, bhad dipartimenti l-ohra, kien hemm 3 kategoriji ta' haddiema: il-process operator, il-process setter li jissejjah ukoll machine setter, u t-technicians. Machine setters li kellhom esperjenza kienu kapaci jissettjaw il-magna b'software skond il-produzzjoni li jkun hemm bzonn, pero strettament dan kien xoghol it-technicians. Peress li gieli kien ikun hemm hela ta' hin biex jigi determinat min suppost jaghmel bicca xoghol partikolari, inhass li jkun aktar ghaqli u efficjenti li l-machine setters jigu mharrga f'dak ix-xoghol li kienu qed jaghmlu t-technicians, biex b'hekk ikunu kapaci jaghmlu s-setting kollu huma. Jghid li ghalkemm hafna riedu isiru technicians, kien hemm min kellu l-problemi personali tieghu u ma xtaqx isir technician, jew ma hassux kapaci isir. Il-kumpanija pruvat tghin lil kull haddiem individwalment. Din il-bidla kienet mehtiega fid-Dipartiment tal-Injection biss, u jsostni li qatt ma ntqal li kienet ser tkopri dipartimenti ohra.

**Helga Ellul** xhedet bil-linwa Ingliza li kienet CEO tal-kumpanija intimata mill-1980 sa Settembru 2012. Tghid li f'xi l-2006 jew 2007 kien hemm kompetizzjoni kbira minn impjant fir-Repubblika Ceka, u bhala mizura ta' efficjenza riedu jaraw kif jigi eliminat il-hela ta' jin meta machine setter tal-injection department ikollu jistenna lit-technician jigi jhaddimlu l-makna. L-injection department huwa l-akbar dipartiment u l-aktar li kien affettwat minn dan il-hela ta' hin. Bhala mizura l-machine setters kellhom jigu mharrga jaghmlu dik il-parti tax-xoghol fuq il-magna li sa dak iz-zmien kienu qed jaghmluha t-technicians. Din il-mizura ma kinitx applikabbli ghad-dipartimenti l-ohra tal-printing u l-packaging. Il-machine setters f'dawk id-dipartimenti ma

kellhomx bzonn jitghallmu x-xoghol tat-technicians ghax b'dan il-kumpanija ma kinitx ser tkun aktar efficjenti. Din ix-xhud tghid li xi zmien wara r-rapprezentanti tal-Union bdew jinsistu li t-tahrig tal-machine setters kellu jkun provdut lill-machine setters kollha fid-dipartimenti kollha, imma xhud tghid li dan la kien necessarju u anqas kien possibbli. Imbaghad il-kumpanija bdiet timpjega technicians bid-diploma (HTD) u l-Union qajmet azzjoni industrijali. Il-kumpanija pruvat thajjar il-haddiema jghamlu diploma ghal technicians mal-MCAST, biex jitghallmu dejjem izjed; tghid pero' li dan ma kienx necessarju ghall-machine setters fid-dipartimenti tal-printing, assembling u packaging. Tinsisti li kull meta kien hemm diskussjonijiet dwar il-kors ghal playmobile technicians, id-diskors dejjem kien li l-kors ser jinghata lill-machine setters tal-injection department, u qatt ma kien hemm diskors li sussegwentment dan il-kors jinghata lill-machine setters l-ohrajn, hlief wara xi snin meta l-Union bdiet tqajjem din il-pretensjoni.

**Ivan Refalo** xhed li kien Performance and Development Manager heading the HR Department bejn l-2008 u l-2013. Jghid li fl-2008 huwa beda jattendi l-laqghat tal-kumpanija dwar il-bidla fl-injection department, li gieli jkunu mar-rapprezentanti tal-unions, u meta kien qed jigi infurmat dwar dak kollu li kien gie miftihem, hadd ma semma li l-machine setters tad-dipartimenti l-ohra kienu ghad iridu jiehdu kors ta' machine setters. Dan is-suggett ma kienx jissemma. Imbaghad beda jissemma zmien wara. Id-diskussjonijiet kienu per ezempju jinnotaw li sakemm kien hemm xoghol fuq il-magni li parti jsir mis-setters u parti mit-technicians, meta jsir zball dawn kienu jwahhlu f'xulxin u ghalhekk kien hemm bzonn li x-xoghol fuq il-magna isir kollu minn bniedem wiehed. Id-dipartimenti l-ohra ma kienux jissemmew. Ir-restructuring beda jigi implimentat f'xi Awwisu jew Settembru 2009. Jghid li meta beda jahdem hu l-kors tal-ETC kien ghadu ghaddej, u kien hemm diversi haddiema li fallew fih jew minhabba mard jew ragunijiet ohra, u ghalhekk sar it-tieni kors. Jghid li kien hemm min minn dipartimenti ohra talab li jaghmel l-istess kors; huwa deherlu li dan seta' jsir, pero' meta kellem lil Mrs Helga Ellul dwar dan, din qaltlu li le ghaliex dak il-kors kien ghall-machine setters tal-Injection biss. Kien

ftit wara li beda jigi implimentat l-istrutturar li l-Union bdiet tressaq il-pretensjoni ta' kors ghal machine setters kollha sa ma fl-2011 din il-pretensjoni giet formulate f'ittra li giet riferuta lid-Direttur tax-Xoghol Noel Vella. Dawk li riedu jidhlu fl-injection issa kienu jehtiegu Niational Diploma in Mechanical Engineering mill-MCAST jew grad oghola. Pero kien difficli hafna li technicians minn barra jidhlu hemmhekk.

KUNSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal ghandu kaz fejn il-haddiema u r-rapprezentanti taghhom qed jinsistu li kien hemm weghda mill-kumpanija intimata li kull min kien fil-grad ta' machine setter kien ser jinghata tahrig biex meta jinqala' bzonn ta' Playmobile technician dawn ikun jistghu japplikaw ghalih. Jinsistu li dan it-tahrig inghata lill-machine setters tal-Injection Department biss, u ghalhekk inkiser il-ftehim verbali li kien hemm, u saret diskriminazzjoni mal-machine setters l-ohra. Ir-rapprezentanti tal-kumpanija Playmobile jichdu li qatt kien hemm ftehim hekk, u jispjegaw kif din ma kinitx kwistjoni ta' diskriminazzjoni pero kwistjoni ta' esperjenza ta' certa haddiema u l-esigenza tal-kumpanija.

Dan it-Tribunal jemmen li hemm bona fede miz-zewg nahat, pero' jidher li minkejja d-diversi diskussjonijiet kien hemm xi ftit intransigenza minn naha tal-kumpanija intimata. Ir-rapprezentanti tal-kumpanija intimata dejjem jishqu li mhuwiex veru li kien hemm strutturar progettat ghall-machine setters kollha f'kull dipartiment, u jinsistu li dan ma jistax ikun ghaliex fid-dipartimenti tal-printing u tal-packaging m'hemmx dik is-sitwazzjoni fejn ahjar ikollok haddiem li jkun kapaci jaghmilha kemm ta' machine setter kif ukoll ta' technician – haddiem hekk kien necessarju biss fl-Injection Department, u ghalhekk inholoq dak il-post ta' Playmobile technician. Dan it-Tribunal isib dan l-argument tal-kumpanija intimata bhala logiku u ghalhekk ir-rapprezentanti tal-kumpanija kienu genwini. Pero' donnhom ir-rapprezentanti

tas-socjeta' intimata ma riedux jifhmu l-karba tal-haddiema biex jinghatalhom kors biex min ilestih b'success ikun f'puzizzjoni li japplika meta johorgu sejhiet ghal technicians fl-Injection Department. Donnha l-kumpanija ma tridx tifhem li l-machine setters (dawk li mhumiex fl-injection department) la qed jippretendu li jsiru Playmobile technicians fid-dipartiment taghhom stess, u l-anqas ma qed jippretendu li jekk jaghmlu l-kors isiru Playmobile technicians awtomatikament. Ippretendew biss li jinghataw il-kors bhal ma inghata lill-machine setters li kienu fl-injection department. Imbaghad min ma riedx seta' ma japplikax ghall-kors; min ma jghaddix ikun ma ghaddiex; u min jaghmlu u jghaddi ikollu biss kwalifika li biha jkun jista' japplika ghal technician jekk u meta l-Playmobile tkun tehtieg technicians fl-injection department. Huwa minnu li l-kumpanija intimata kienet offriet dak il-kors lill-haddiema fl-injection department ghax kienu ser ikunu l-istess haddiema li jibdew jaghmlu xoghol ta' technicians ukoll, u dan huwa logiku, pero' l-kumpanija xxahhet mal-machine setters l-ohra meta ma offritilhomx l-istess kors biex b'hekk tkun taghthom l-istess opportunita' ta' impieg meta tinqala' l-htiega. Naturalment, machine setters fid-dipartimenti l-ohra kienu ser isibu dan il-kors aktar difficli ghax ma kellhomx l-esperjenza "hands on" bhal ma kellhom il-machine setters tal-injection department, pero' dak kellu jispetta lill-individwu li jirsisti u jara li jirnexxi f'tali kors. Kienu r-rapprezentanti tal-kumpanija intimata li ammettew li kien hemm machine setters fl-injection department li ghal raguni jew ohra ma riedux jew ma rnexxilhomx isiru technicians – f'kazijiet bhal dawk posthom kieku kien ikun jista' facilment jimtela minn machine setters ta' dipartiment iehor minn fost dawk li jkunu hadu t-tahrig bhal dak li kien gie provdut fl-2007 lill-machine setters tal-Injection Department.

Il-kumpanija intimata bhal gabet diversi ragunijiet, jew skuzi, ghalxiex ma pprovdietx dan il-kors lill-machine setters l-ohra: inghad li ghax l-ETC ma baqghetx tipprovdi tali kors, inghad li l-MCAST ma riedx jaghmel kors tailor-made ghall-Playmoblie, u inghad li dan ma inghatalhomx ghax mhux veru gie imwieghed u allura ma kienx hemm obbligu.

Dan it-Tribunal jaghmilha cara li huwa mhux ser ikun jiddeciedi fuq allegat ksur ta' ftehim verbali bejn iz-zewg nahat, kif anqas ma ser ikun jiddeciedi fuq allegat ksur tal-ftehim kollettiv. Dan it-Tribunal ma jemminx li kien hemm ftehim car li l-kors in kwistjoni kien ser jinghata lill-machine setters kollha; di fatti meta Jason Deguara (f'isem l-Union) gie mistoqsi b'mod specifiku jekk kienx hemm ftehim hekk, ir-risposta evaziva tieghu kienet illi kieku l-Union irrealizzat li l-kumpanija ma kelliex hsieb toffri dan il-kors lill-machine setters kollha, l-Union ma kinitx taqbel ma' dan. Dan iwassal ghall-konvinzjoni li kull naha hasbet haga differenti mill-ohra, pero' l-partijiet ndunawx li ma kienux qed jaqblu fuq dan id-dettall. Jibqa' fatt li mhemm ebda ftehim miktub, jew evidenzjat b'xi kitba, li ntlahaq xi ftehim fuq dan. Dwar jekk kienx qed jigi osservat il-Ftehim Kollettiv jew le, mhux biss ma saret ebda talba f'dan is-sens meta infetah dan il-kaz, izda anqas biss gie esebit il-ftehim kollettiv jew ta' l-inqas dik il-parti minnu li l-haddiema isostnu li giet miksura.

Dan il-kaz huwa allacjat mal-Artikoli 26 et sequitur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta: hekk jinghad sa mir-rikors promotur kif ukoll mid-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrenti. Dan it-Tribunal jinnota li kif gie impostat dan il-kaz, irid jigi ezaminat biss jekk inkisirx l-Artikolu 26 b'diskriminazzjoni.
Dan l-Artikolu tal-ligi jghid:-

> 26. *(1) Hadd ma jista' (a) fil-waqt li jaghmel reklam jew joffri impieg jew filwaqt li joffri opportunitajiet ta' impieg jew meta jigi ghall-ghazla ta' applikanti ghal impieg, jassoggetta xi applikant ghal impieg jew xi klassi ta' applikanti ghal impieg ghal trattament diskriminatorju; (b) rigward impjegati li huma digà fl-impieg tal-principal, jassoggetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati ghal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeccija.*
> *(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi: (a) l-impieg jew l-ghazla ta' persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, sakemm il-principal ma jippruvax li l-azzjoni kienet bbazata fuq ragunijiet accettabbli relatati max-xorta tax-xoghol*

*jew ghal ragunijiet relatati mat-twettiq jew ma l-esperjenza ta' xoghol maghmul qabel; (b) azzjonijiet li jghoddu ghal impjegat, termini ta' hlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jghoddu ghal impjegat fl-istess xoghol jew xoghol ta' valur ugwali, abbazi ta' trattament diskriminatorju; (c) azzjonijiet li bihom il-principal xjentement jimmanigga x-xoghol, iqassam il-bicciet ta' xoghol jew mod iehor jirranga l-kondizzjonijiet tax-xoghol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn ohrajn abbazi ta' trattament diskriminatorju.*

*(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) … omissis…*

*(4) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "joffri impieg" jinkludu r-reklutagg jew it-tahrig ta' kull persuna bil-hsieb li dik il-persuna tigi mpjegata, u ghar-rigward ta' persuna li tkun digà qed tahdem, tinkludi ukoll l-promozzjoni ghal grad oghla jew l-impieg fi klassi differenti ta' xoghol.*

Dan it-Tribunal jikkonkludi li bl-intransigenza tal-kumpanija intimata li ma torganizzax korsijiet aktar ta' tahrig biex machine setters mid-dipartimenti l-ohra (mhux tal-injection) ikunu jistghu jitharrgu huma ukoll biex f'kaz li jtemmu l-kors b'success ikunu jistghu japplikaw meta jkun hemm opportunita`, ossia ikunu jistghu japplikaw ghal vakanza ghall-grad ta' Playmobile technician, kienet qed issir diskriminazzjoni bi ksur tal-imsemmi Artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Ligijijiet ta' Malta. Madankollu dawn il-haddiema ma jistghux jippretendu li jiehdu d-differenza fil-paga ta' bejn machine setter u technician, ghax wara kollox setghu wehlu fil-kors, konsiderando li dawn ma kellhomx l-istess esperjenza "hands on" bhal ma kellhom il-machine setters fl-Injection Department. Pero l-fatt wahdu li l-kors ma giex offrut lilhom jikkonstitwixxi diskriminazzjoni, u ta' dan ghandhom ikunu ikkumpensati b'somma nominali ta' darba, skond is-sitwazzjoni partikolari taghhom, minn meta bdew jahdmu bhala machine setters 'il quddiem.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi parzjalment dan il-kaz billi jiddikjara  li l-kumpanija intimata ddiskriminat kontra dawk ir-rikorrenti li ma cedewx it-talbiet taghhom, u dan meta ma hija offritilhomx l-opportunita' li jaghmlu kors ta' tahrig specifiku bhala technicians ghall-Playmobile, u ghalhekk tordna l-prosegwiment  tas-smiegh tal-kaz sabiex jingiebu proi relattivi ghall-likwidazzjoni tal-kumpens li jista' talvolta jkun dovut lil kull wiehed u wahda mir-rikorrenti, dejjem skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull individwu.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman